



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0131/2013

27.3.2013

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi fir-rigward tat-tqegħid fis-suq ta' batteriji u akkumulaturi portabbli li jkun fihom il-kadmju maħsuba għall-użu f'għodda mingħajr fil (COM(2012)0136 – C7-0087/2012 – 2012/0066(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Vladko Todorov Panayotov

Simboli għall-proċeduri

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' kunsens
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat ***b'tipa grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali – pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att li l-Parlament jixtieq jemenda. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa **grassa**. Kull tħassir li l-Parlament jixtieq jagħmel f'dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	18
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET LEGALI DWAR L-UŻU TAL-ATTI DELEGATI.....	24
PROĊEDURA.....	37

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi fir-rigward tat-tqegħid fis-suq ta' batteriji u akkumulaturi portabbli li jkun fihom il-kadmju maħsuba għall-użu f'għodda mingħajr fil (COM(2012)0136 – C7-0087/2012 – 2012/0066(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2012)0136),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikoli 192(1) u 114(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema Artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0087/2012),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar l-użu tal-atti delegati,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012¹,
 - wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 55 u 37a tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0131/2013),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ ĠU C 229, 31.7.2012, p. 140.

Emenda 1

Proposta għal direttiva Titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *ta'* li temenda d-Direttiva 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi fir-rigward tat-tqegħid fis-suq ta' batteriji u akkumulaturi portabbli li jkun fihom il-kadmju maħsuba għall-użu f'għodda mingħajr fil

Emenda

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi fir-rigward tat-tqegħid fis-suq ta' batteriji u akkumulaturi portabbli li jkun fihom il-kadmju maħsuba għall-użu f'għodda mingħajr fil *u ta' ċelluli buttuna li fihom kontenut baxx ta' merkurju*

Ġustifikazzjoni

Għalkemm lil hinn mill-ambitu tal-proposta tal-Kummissjoni, ir-reviżjoni tad-Direttiva 2006/66/KE hija opportunità biex titneħħa eżenzjoni li b' mod ċar m'għadhiex aġġornata maż-żminijiet tal-lum: il-possibbiltà li batteriji ċellula buttuna jkun għad fihom il-merkurju. Rapport ikkummissjonat mill-KE (BIOIS 2012)¹ ippropona li l-aħjar għażla ta' politika, mill-aspett ambjentali u ekonomiku, huwa li jiġi pprojbit it-tqegħid fis-suq tal-UE ta' batteriji ċellula buttuna li jkun fihom il-merkurju, bil-għan li jitnaqqas l-impatt negattiv ambjentali mill-użu tal-merkurju f'dawn il-prodotti.

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) L-eżenzjoni attwali għal dak l-użu għandha tkompli tapplika sal-31 ta' Diċembru 2015 sabiex l-industrija *tkun tista' tkompli tadatta t-teknoloġiji* rilevanti.

Emenda

(4) L-eżenzjoni attwali għal dak l-użu għandha tkompli tapplika sal-31 ta' Diċembru 2015 sabiex *il-produtturi*, l-industrija *tar-riċiklaġġ u l-konsumaturi fil-katina kollha tal-valur ikunu jistgħu jkomplu jadattaw it-teknoloġiji sostituti* rilevanti *b' mod uniformi fir-reġjuni kollha tal-Unjoni.*

¹ Study on the potential for reducing mercury pollution from dental amalgam and batteries (Studju dwar il-potenzjal għat-tnaqqis tat-tniġġis bil-merkurju mill-amalgam dentali u mill-batteriji), KE, DG-ENVI, 5 ta' Marzu 2012, http://ec.europa.eu/environment/chemicals/mercury/pdf/Final_report_11.07.12.pdf

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Id-Direttiva 2006/66/KE tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-batteriji jew l-akkumulaturi kollha, kemm jekk inkorporati f'appliances u kemm jekk le, li jkun fihom aktar minn 0.0005 % ta' merkurju fil-piż. Madankollu, iċ-ċelluli buttuna b'kontenut ta' merkurju ta' mhux aktar minn 2 % fil-piż huma eżentati minn din il-projbizzjoni. Huwa importanti li jitnaqqas ir-riskju li l-merkurju jiġi rilaxxat fl-ambjent, minħabba li iċ-ċelluli buttuna faċilment ma jinġabrux mal-ġbir separat. Is-suq taċ-ċelluli buttuna fl-Unjoni diġà qed jesperjenza bidla lejn ċelluli buttuna li ma għandhomx merkurju (Hg). Verżjonijiet li ma għandhomx Hg issa huma kummerċjalment disponibbli għall-applikazzjonijiet kollha u kważi għandhom l-istess parametri ta' prestazzjoni bħal dawk li fihom il-merkurju, kif ikkonfermat ukoll mill-maġġoranza tal-industrija. Għaldaqstant huwa xieraq li tiġi pprojbita l-kummerċjalizzazzjoni ta' ċelluli buttuna b'kontenut ta' merkurju li jaqbeż 0.0005 % fil-piż. Bħala konsegwenza ta' projbizzjoni bħal din, huwa mistenni li pajjiżi li jesportaw ammonti kbar ta' ċelluli buttuna lejn is-suq tal-Unjoni jkunu mħeġġa jħaffu l-bidla għall-manifattura ta' ċelluli buttuna li ma għandhomx Hg, billi dan jista' jkollu impatt globali fuq l-użu tal-merkurju f'dan is-settur tal-industrija.

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Sabiex id-Direttiva 2006/66/KE tiġi ssupplimentata jew emendata, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward **tal-Anness III** inkonnessjoni mar-rekwiżiti ta' trattament u riċiklaġġ, il-kriterji għall-evalwazzjoni ta' kundizzjonijiet ekwivalenti fir-rigward ta' trattament u riċiklaġġ barra mill-Unjoni Ewropea, ir-reġistrazzjoni ta' produttori, it-tikkettar tal-kapaċità ta' batteriji u akkumulaturi portabbli u awtomotivi, u l-eżenzjonijiet mir-rekwiżiti tat-tikkettar. Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni tagħmel il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-fażi ta' xogħol ta' thejjiġa, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal l-atti delegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Emenda

(6) Sabiex id-Direttiva 2006/66/KE tiġi ssupplimentata jew emendata, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat *dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)* għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward **ta' metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-bejgħ annwali ta' batteriji u akkumulaturi portabbli lil utenti aħħarin, l-Anness III** inkonnessjoni mar-rekwiżiti ta' trattament u riċiklaġġ, il-kriterji għall-evalwazzjoni ta' kundizzjonijiet ekwivalenti fir-rigward ta' trattament u riċiklaġġ barra mill-Unjoni Ewropea, ir-reġistrazzjoni ta' produttori, it-tikkettar tal-kapaċità ta' batteriji u akkumulaturi portabbli u awtomotivi, u l-eżenzjonijiet mir-rekwiżiti tat-tikkettar. Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni tagħmel il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-fażi ta' xogħol ta' thejjiġa, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal l-atti delegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-parteċipanti kollha.

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Ir-rekwiżiti u l-format tar-reġistrazzjoni tal-produttori għandhom ikunu konsistenti mar-rekwiżiti u l-format

tar-reġistrazzjoni stabbiliti skont l-Artikolu 16(3) u l-Anness X, Taqsima A, tad-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE)¹.

Ir-rekwiżiti u l-format tar-reġistrazzjoni tal-produtturi għandhom jibqgħu konsistenti mar-rekwiżiti u l-format tar-reġistrazzjoni adottati permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Awwissu 2009 – (2009/603/KE) – li tistabbilixxi r-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni tal-produtturi ta' batteriji u ta' akkumulaturi skont id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

¹ ĠU L 197, 24.7.2012, p. 38.

Ġustifikazzjoni

Peress li l-batteriji u l-akkumulaturi huma inkorporati fl-EEE, huwa naturali li l-proċess ta' reġistrazzjoni tal-produtturi jsegwi l-istess proċedura. Dan jiffranka l-ħin tal-produtturi li għandu jintuża għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni. Ir-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni għall-batteriji ġew adottati f'Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' Awwissu 2009 (2009/603/KE). Hemm sistemi ta' reġistrazzjoni fl-UE mhux biss għall-batteriji inkorporati f'tagħmir iżda anke għall-batteriji mibjugħa individwalment. Ir-rekwiżiti tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/603/KE għandhom jibqgħu japplikaw ukoll.

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2006/66/KE, il-Kummissjoni Ewropea għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' arranġamenti tranżitorji dwar ir-rati minimi ta' kollezzjoni, ***metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-bejgħ annwali ta' batteriji u akkumulaturi portabbli lil***

Emenda

(7) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2006/66/KE, il-Kummissjoni Ewropea għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' arranġamenti tranżitorji dwar ir-rati minimi ta' kollezzjoni, u kwestjonarju jew skema għal rapporti nazzjonali ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat

utenti aħħarin, u kwestjonarju jew skema għal rapporti nazzjonali ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċitar mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.

għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċitar mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni għall-Premessa 6.

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt -1 (ġdid)
Direttiva 2006/66/KE
Artikolu 3 – punt 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1. Fl-Artikolu 3, jiddaħħal il-punt (13a) li ġej:

"(13a) 'tagħmel disponibbli fis-suq' tfisser kwalunkwe provvista ta' batterija jew akkumulatur għad-distribuzzjoni, il-konsum jew l-użu fis-suq tal-Unjoni tul attività kummerċjali, kemm jekk issir bi ħlas kif ukoll jekk tkun mingħajr ħlas;'

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt -1a (ġdid)
Direttiva 2006/66/KE
Artikolu 3 – paragrafu 14

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1a. Fl-Artikolu 3, il-punt (14) jinbidel b'li ġej:

'(14) "tqegħid fis-suq" tfisser tagħmel disponibbli batterija jew akkumulatur fis-suq tal-Unjoni għall-ewwel darba;'

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt -1b (ġdid)
Direttiva 2006/66/KE
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1b. L-Artikolu 4(2) jinbidel b'li ġej:

'2. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1(a) m'għandhiex tapplika għal ċelluli buttuna b'kontenut ta' merkurju ta' mhux aktar minn 2 % fil-piż sal-31 ta' Diċembru 2014.'

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1a (ġdid)
Direttiva 2006/66/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-Artikolu 4(4) jitħassar

Ġustifikazzjoni

Ladarba l-projbizzjoni fuq il-Kadmju tkun daħlet fis-seħħ, fil-futur m'għandux ikun hemm il-ħtieġa għal rieżami tal-eżenzjoni għas-CPTs.

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1b (ġdid)
Direttiva 2006/66/KE
Artikolu 6 – paragrafu 2

L-Artikolu 6(2) jinbidel b'li ġej:

'2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li batteriji jew akkumulaturi li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva ma jitqegħdux fis-suq [...].

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li batteriji jew akkumulaturi li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva ma jibqgħux ikunu disponibbli fis-suq tliet snin wara d-data rispettiva tat-tneħħija gradwali.

Batteriji u akkumulaturi li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u li jitqiegħdu fis-suq wara d-dati rispettivi tat-tneħħija gradwali għandhom jiġu rtirati mis-suq.'

Emenda 12

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 2

Direttiva 2006/66/KE

Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

*Sas-26 ta' Settembru 2007, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-bejgħ annwali ta' batteriji u akkumulaturi portabbli lil utenti aħħarin. **Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 24(2).**';*

Emenda

Il-Kummissjoni għandha **tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 23a sabiex tistabbilixxi jew temenda** metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-bejgħ annwali ta' batteriji u akkumulaturi portabbli lil utenti aħħarin.';

Ġustifikazzjoni

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/763/KE tistabbilixxi l-metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-bejgħ annwali ta' batteriji u akkumulaturi portabbli lil utenti aħħarin. Modifiki fil-

metodoloġija komuni, bħala materja ta' applikazzjoni ġenerali fis-sens tal-Artikolu 290 tat-TFUE, għandhom isiru permezz ta' atti delegati.

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 2a (ġdid)
Direttiva 2006/66/KE
Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-Artikolu 11 jinbidel b'li ġej:

'Tneħħija ta' skart ta' batteriji u akkumulaturi

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-manifatturi jfasslu l-appliances b' mod li l-iskart ta' batteriji u akkumulaturi jkun jista' jitneħħa faċilment. Meta ma jkunux jistgħu jitneħħew mill-utent aħħari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-manifatturi jiddiżinjaw l-appliances b'tali mod li l-iskart ta' batteriji u akkumulaturi jista' jitneħħa faċilment minn professjonisti li jkunu indipendenti mill-manifattur. L-appliances li jkollhom batteriji u akkumulaturi inkorporati għandhom jiġu akkumpanjati minn istruzzjonijiet li juru kif jistgħu jitneħħew mingħajr periklu mill-utent aħħari jew minn professjonisti indipendenti. Meta jkun xieraq, l-istruzzjonijiet għandhom jinfurmaw ukoll lill-utent aħħari bit-tip ta' batterija jew akkumulatur inkorporat. Dawn id-dispożizzjonijiet m'għandhomx japplikaw fejn, għal raġunijiet ta' sigurtà, ta' prestazzjoni, ta' integrità medika jew tad-data, tkun meħtieġa l-kontinwità tal-provvista tal-enerġija u tkun tirrikjedi konnessjoni permanenti bejn l-appliance u l-batterija jew l-akkumulatur.'

Emenda 14

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4

Direttiva 2006/66/KE

Artikolu 12 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Artikolu 12(7) **huwa mħassar**;

Emenda

4. L-Artikolu 12(7) ***jinbidel b'li ġej:***

‘Qabel ma temenda jew tissupplimenta l-Anness III, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta *mal-partijiet* interessati rilevanti, b’mod partikolari l-produtturi, il-kolletturi, ir-riċiklaturi, l-operaturi tat-trattamenti, l-organizzazzjonijiet ambjentali, l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u l-assoċjazzjonijiet tal-impjegati [...].’;

Ġustifikazzjoni

Sabiex jinżamm ir-rekwiżit tal-konsultazzjoni fid-Direttiva attwali. Il-kunsiderazzjoni tal-opinjoni ta’ “atturi reali” għandha tiżgura l-utilizzazzjoni ta’ xogħol bl-aħjar teknoloġiji disponibbli fil-prattika.

Emenda 15

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 10

Direttiva 2006/66/KE

Artikolu 23a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikoli 12(6), 15(3), l-Artikolu 17 u l-Artikoli 21(2) u 21(7) għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu **indeterminat sa** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Emenda

2. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikoli **10(4)**, 12(6), 15(3), l-Artikolu 17 u l-Artikoli 21(2) u 21(7) għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu **ta' ħames snin** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. **Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delegazzjonijiet ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' tul identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għal tali estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.**

Ġustifikazzjoni

Istituzzjonijiet leġiżlattivi oħra tal-UE għandhom jiġu infurmati dwar l-adozzjoni ta' atti delegati fl-Unjoni u dwar ir-riżultati ta' dawk l-atti.

Emenda 16

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 10

Direttiva 2006/66/KE

Artikolu 23a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikoli 12(6), 15(3), l-Artikolu 17 u l-Artikoli 21(2) u 21(7) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tkun effettiva mill-jum wara dak tal-publikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew minn data oħra aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Emenda

3. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikoli **10(4)**, 12(6), 15(3), l-Artikolu 17 u l-Artikoli 21(2) u 21(7) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tkun effettiva mill-jum wara dak tal-publikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew minn data oħra aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Emenda 17

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 10

Direttiva 2006/66/KE

Artikolu 23a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Att delegat li jiġi adottat skont l-Artikoli 12(6), 15(3), l-Artikolu 17 u l-Artikoli 21(2) u 21(7) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn minn notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjonijiet li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.';

Emenda

5. Att delegat li jiġi adottat skont l-Artikoli **10(4)**, 12(6), 15(3), l-Artikolu 17 u l-Artikoli 21(2) u 21(7) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn minn notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjonijiet li mhux se joġġezzjonaw.. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.';

Emenda 18

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaðhlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi mal-Artikolu 1(1) **ta' din id-Direttiva** sa **mhux aktar tard minn 18-il** xahar wara d-dħul fis-seħħ. Huma għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom idaðhlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi mal-Artikolu 1(1) **u l-Artikolu 1 (1b)** sa **12-il** xahar wara d-dħul fis-seħħ **ta' din id-Direttiva**. Huma għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Emenda 19

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Dħul fis-seħħ

Emenda 20
Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda

Dħul fis-seħħ *u konsolidazzjoni*

Emenda

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
Verżjoni konsolidata tad-Direttiva 2006/66/KE għandha titfassal fi żmien tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

NOTA SPJEGATTIVA

Introduzzjoni:

Id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' batteriji u akkumulaturi portabbli, inklużi dawk inkorporati f'appliances, li jkun fihom aktar minn 0.002 % kadmju fil-piż. Madankollu, hemm eżenzjoni għal sistemi ta' emerġenza u ta' allarm, inklużi dawl ta' emerġenza, tagħmir mediku u għodda mingħajr fil.

L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/66/KE jirrikjedi li l-Kummissjoni tirrevedi l-eżenzjoni għas-CPTs. Il-proposta attwali għandha l-għan li temenda d-Direttiva billi tillimita l-eżenzjoni għall-użu tal-kadmju f'battery u akkumulaturi portabbli intiżi għall-użu f'għodda mingħajr fil sal-31 ta' Diċembru 2015. Minħabba l-effetti ambjentali tal-kadmju, il-proposta tal-Kummissjoni hija milqugħa.

Id-data finali ntgħażlet mill-KE wara valutazzjoni tal-impatt li tgħaqqad id-dimensjoni soċjoekonomika u d-dimensjoni ambjentali tat-tneħħija ta' batteriji tal-NiCd f'għodda mingħajr fil, li tqabbel l-impatt ġenerali tat-tneħħija tal-eżenzjoni tal-Cd matul iż-żmien. Għandu jiġi nnutat li l-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni ma tippreżentax riżultati minn valutazzjoni komparattiva taċ-ċiklu tal-ħajja taċ-ċarġers għad-diversi batteriji fil-konklużjonijiet tagħha dwar l-impatti ambjentali tat-tliet tipi ta' batteriji (il-batteriji NiCd, NiMH u Li-ion) billi tiffoka biss fuq l-impatti ambjentali tal-pakketti ta' batteriji nfushom. L-impatti ambjentali tat-tliet tipi ta' batteriji (inklużi l-impatti ambjentali taċ-ċarġers tagħhom) kif previst fl-Anness 13 tal-VIA, it-taqsimha 2, għal finijiet informattivi, juru li R&Ż addizzjonali jistgħu jkunu meħtieġa sabiex titjeb l-impronta tal-enerġija, tal-materjali u tal-ambjent taċ-ċarġers l-aktar speċjalizzati tal-batteriji Li-ion meta mqabbla mat-teknoloġiji eżistenti diġà maturi għall-batteriji NiCd u NiMH.

Ir-Rapporteur jissuġġerixxi li tiġi estiża b'sena oħra l-eżenzjoni għal batteriji NiCd, sal-31 ta' Diċembru 2016, sabiex jingħata aktar żmien lill-atturi ekonomiċi kollha fil-katina kollha tal-valur sabiex b'mod uniformi jkomplu jadattaw it-teknoloġiji sostituti rilevanti fir-reġjuni kollha tal-UE u skont iċ-ċiklu naturali tan-negozju tas-CPTs.

1. Iċ-ċifri dwar il-batteriji u s-sehem mis-suq:

Tliet tipi ta' batteriji li jistgħu jiġu ċċarġjati mill-ġdid huma użati f'għodda mingħajr fil: Batteriji tan-Nikil-kadmju (NiCd), tan-Nikil-idrur tal-metall (NiMH), u tal-Litju-jone (Li-Ion).

Is-sehem totali tan-NiHM mis-suq tas-CPT tal-UE huwa relattivament baxx meta mqabbel mal-batteriji NiCd u Li-Ion, u huma użati l-aktar fil-pajjiżi Ewropej Nordiċi. Din hija r-raġuni għala r-rapport jiffoka fuq il-batteriji NiCd meta mqabbla ma' daww Li-Ion biex tiġi evalwata d-data xierqa għall-irtirar tal-eżenzjoni.

¹ ĠU L 266, 26.9.2006, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2008/103/KE (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 7-8).

Skont l-EPTA, fl-2011 40 % tal-għodda kollha tal-elettriku huma għodda mingħajr fil. Minn dawn l-40 %, 70 % huma tal-Li-Ion u 27 % tal-NiCd (u 3 % biss tal-NiMH). Din it-tendenza qed tiżdied favur il-Li-Ion u għad-detriment tal-NiCd li qed jisparixxi mis-suq b'mod naturali.

Madankollu, iċ-ċifri attwali dwar is-sehem mis-suq huma bil-maqlub għall-Istati Membri tal-Ewropa tal-Lvant, u għaldaqstant f'dan ir-reġjun se jieħu aktar fit-tul biex is-suq tal-Kadmju jisparixxi għal kollox fix-xenarju ta' negozju normali. L-industrija għadha qed tbigħ 4 miljun CPT tal-NiCd kull sena, l-aktar fl-Ewropa tal-Lvant, f'suq globali ta' 16-il miljun CPT fis-sena. Tabilħaqq, il-batteriji Li-Ion għadhom aktar għaljin meta mqabbla mal-batteriji NiCd, fatt li jispjega l-progress bil-mod tagħhom fil-parti tal-Lvant tal-UE fejn il-kapaċità tal-akkwist tal-popolazzjoni għandha t-tendenza li tkun inferjuri għall-kapaċità tal-akkwist fil-pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent. Sena addizzjonali għandha tkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi biex jaggstaw b'mod gradwali l-preferenzi tagħhom għat-teknoloġiji sostituti rilevanti disponibbli fis-suq fir-reġjuni kollha tal-UE b'mod aktar uniformi.

2. Il-Kadmju vs il-Litju:

Fir-Regolamenti kollha dwar sustanzi u kimiki perikolużi (REACH, RoHS, ELV), il-Kadmju huwa fost dawk elenkati minħabba l-impatt negattiv tiegħu fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem. Il-Kadmju huwa tossiku kull meta jakkumula fl-ambjent u fil-ġisem tal-bniedem minħabba li għandu t-tendenza li jibqa' hemm għal perjodu mhux magħruf ta' żmien u jista' jikkawża danni spiss irriversibbli.

Il-Kadmju jista' jnixxi fl-ambjent minħabba l-immaniġġjar ħażin ta' skart ta' batteriji portabbli. Madankollu, huwa importanti li wieħed jinnota li l-batteriji NiCd huma responsabbli għal perċentwal żgħir ħafna tal-emissjonijiet tal-Kadmju fl-atmosfera u fl-ilma. L-inċineraturi tal-iskart solidu muniċipali (MSW) u r-rimi f'miżbla jikkontribwixxu biss 2.6 % tal-emissjonijiet globali tal-Kadmju fl-arja u 2.3 % tal-emissjonijiet globali tal-Kadmju fl-ilma għall-kuntrarju tal-kombustjoni taż-żejt u tal-faħam fl-arja (43.5 %) jew il-kontribuzzjoni tal-produzzjoni tal-ħadid u tal-azzar għall-emissjonijiet fl-ilma (40 %) kif ukoll għall-fertilizzanti u l-ħama tad-drenaġġ.¹ Fl-aħħar nett, il-kontribuzzjoni relattiva tal-emissjonijiet tal-Kadmju mill-MSW minħabba l-batteriji NiCd għall-ilma u għall-arja tammonta b'kollox għal madwar 1 % biss.

Kemm ir-Regolament dwar il-Fertilizzanti kif ukoll id-Direttiva dwar il-Hama tad-drenaġġ huma qodma u għandhom jiġu riveduti malajr iżda l-Kadmju huwa xorta disponibbli f'ħafna forom u sustanzi oħra li l-bnedmin għadhom attwalment esposti għalihom, minbarra l-batteriji tas-CPT (bħal pigmenti, l-iggalvanizzar, is-semikondutturi u ċ-ċelluli fotovoltajċi, il-fertilizzanti u l-farmaċewtiċi).

Fl-aħħar, għandu jitqies li l-Kadmju li jinsab fis-CPTs jista', jekk jiġu stabbiliti skemi ta' ġbir u sistemi ta' riċiklaġġ xierqa, jiġi rriċiklat b'rata ta' 100 %, u l-industrija tkun għamlet progress sinifikanti biex tagħlaq iċ-ċiklu tal-Kadmju fil-batteriji. Dan jillimita ħafna dawn ir-riskji għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem. Bil-possibilita' ta' 100 % riċiklaġġ ta' batteriji NiCd miġbura, ir-Rapporteur jissuġġerixxi li r-riskju ambjentali u tas-saħħa huwa żgħir u

¹ Rapport Finali tal-EURAS - Contribution of Spent Batteries to the Metal Flows of Municipal Solid Waste (Kontribuzzjoni ta' Batteriji Użati għall-Flussi tal-Metall tal-Iskart Solidu Muniċipali), Ottubru 2005

jista' jiġi mmaniġġjat.

Il-batteriji tal-litju għandhom ħafna vantaġġi teknoloġiċi meta mqabbla ma' dawk tal-NiCd, fatt li jispjega l-penetrazzjoni mgħaġġla tagħhom fis-suq u s-sehem dejjem jikber tagħhom mis-suq. Il-batteriji Li-Ion huma eħfef u aktar effiċjenti fl-enerġija; huma għandhom skarika għolja ta' enerġija waqt li meta ma jintużawx l-iskarika tagħhom stess hija waħda baxxa, u fl-istess ħin ma għandhomx l-effett ta' memorja. Madankollu, il-batteriji Li-ion jistgħu jisplodu jekk jisħnu żżejjed jew jekk jiġu ċċarġjati b'vultaġġ għoli żżejjed u jistgħu jitħassru b'mod irriversibbli jekk jiġu skarikati taħt ċertu vultaġġ. Barra minn hekk, huma jeħtieġu ċarġer aktar sofistikati, meta mqabbla ma' batteriji NiCd, u l-ħajja tagħhom hija bejn wieħed u ieħor iqsar bid-doppju minn dik tal-batteriji NiCd (4 snin vs 8 snin rispettivament). Il-batteriji Li-ion huma attwalment aktar għaljin minn batteriji NiCd, dawn ma jaħdmux daqshekk tajjeb f'temperaturi baxxi ħafna, u attwalment ma hemmx biżżejjed inċentivi ekonomiċi biex jiġu żviluppanti strutturi ta' riċiklaġġ fuq skala kbira għalihom: il-materja prima hija relattivament irħisa u disponibbli u l-kwantitajiet ta' skart ta' batteriji Li-ion mhumiex kbar biżżejjed biex jiġġustifikaw l-istabbiliment ta' proċessi ta' riċiklaġġ fuq skala kbira. Il-preżenza mistennija dejjem tikber fis-suq tal-batteriji Li-ion bil-ħsieb tal-projbizzjoni fil-ġejjieni tal-użu tal-Cd fil-batteriji tista' tbiddel il-bilanċ u tista' żżid il-profittabilità tal-proċess ta' riċiklaġġ għall-batteriji Li-ion. Ir-riċiklaġġ tal-batteriji Li-ion għadu qed jiżviluppa għall-kuntrarju tat-teknoloġiji tar-riċiklaġġ diġà maturi tal-batteriji NiCd u NiMH fl-UE, iżda l-iżviluppi teknoloġiċi u l-innovazzjoni f'dan il-qasam jistgħu malajr jibdlu din is-sitwazzjoni u jagħmluha ekonomikament vijabbli sabiex jiġu żviluppanti proċessi ta' riċiklaġġ tal-Li-ion meta wieħed iqis il-fluss ta' skart dejjem jikber ta' batteriji Li-ion.

Għaldaqstant, l-estensjoni b'sena oħra tal-eżenzjoni, sal-31 ta' Diċembru 2016, tippermetti kompromess raġonevoli, li jipproteġi kemm l-interessi tal-konsumaturi kif ukoll tan-negozji tul il-katina kollha tal-valur fil-waqt li jiġi żgurati il-ħarsien tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem u fl-istess ħin jingħata xi żmien addizzjonali għall-iżvilupp teknoloġiku, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattika, u l-innovazzjoni fil-qasam.

3. L-eżawriment tal-istokkijiet u tal-partijiet tal-bdil

Il-manutenzjoni tal-prodotti li jkun diġà tqiegħdu fis-suq meta l-projbizzjoni tidħol fis-seħħ u b'mod speċjali l-partijiet tal-bdil li xorta jistgħu jkun meħtieġa hija kwistjoni li spiss titqajjem.

L-ewwel nett, ir-Rapporteur jemmen li d-distributuri upstream se jkun diġà pprevedew il-projbizzjoni tal-batteriji NiCd, għalhekk, jekk ikun hemm, huma biss kwantitajiet żgħir minnhom li għandhom ikunu fuq l-ixkafef fil-mument li l-eżenzjoni tiġi rtirata. Miżuri, bħall-iżgurar tad-disponibbiltà ta' partijiet tal-bdil għal perjodu limitat ta' żmien wara li titneħħa l-eżenzjoni, jistgħu jnaqqsu kemxejn l-impatt soċjali negattiv fuq il-konsumaturi finali, b'mod speċjali fis-settur mhux professjonali, li jaf ma jkunux kapaċi jassorbu daqshekk faċilment l-ispejjeż relatati mal-bidla minn teknoloġija għal oħra. Madankollu, CPTs ibbażati fuq l-NiCd jistgħu faċilment jiġu sostitwiti fi żmien qasir, għalkemm bi prezz ogħla, b'CPTs ibbażati fuq l-NiMH minħabba li ċ-ċarġers użati għall-batteriji NiMH jistgħu jintużaw biex jiċċarġjaw iż-żewġ tipi ta' għodod bil-batterija xierqa. Minħabba t-teknoloġiji diġà disponibbli, l-impatt immedjat tal-projbizzjoni fuq il-konsumaturi finali jista' għalhekk ikun maniġġgabbli. L-eżistenza ta' din l-għażla ta' sostituzzjoni tista' aktar ittaffi ż-żieda potenzjali f'daqqa ta' skart ta' tagħmir elettriku minħabba l-projbizzjoni fuq il-batteriji NiCd.

L-isfidi teknoloġiċi u ambjentali li jistgħu jkunu mistennija minħabba l-ammont potenzjalment akbar ta' skart ta' tagħmir elettriku, minħabba l-ħtieġa immedjata li wieħed jiddisponi minn tagħmir li għalih mhux se jkun hemm partijiet tal-bdil proviżorji, jistgħu jiġu mmaniġġjati teknikament minħabba d-disponibbiltà tal-għażla tat-teknoloġija NiMH. F'termini ta' riċiklaġġ ta' skart ta' batteriji, l-industrija tista' tibbenefika minn żmien addizzjonali sabiex tkun tista' timmaniġġja ż-żieda potenzjali ta' skart ta' tagħmir elettriku minħabba l-projbizzjoni fuq il-batteriji NiCd. Il-kumpaniji tar-riċiklaġġ diġà qed jieħdu passi f'dik id-direzzjoni billi jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom li jirriċiklaw il-kwantitajiet dejjem jiżdiedu tal-batteriji Li-ion u NiMH li se jkunu mistennija hekk kif il-projbizzjoni tal-NiCd tidħol fis-seħħ. Fi kwalunkwe każ il-leġislatur Ewropew għandu jibgħat messaġġ qawwi u ċar dwar meta l-projbizzjoni attwali se tasal għand id-distributuri downstream. Bid-data definittiva stabbilita għall-infurzar sħiħ tal-projbizzjoni wara l-31 ta' Diċembru 2016, il-produtturi mhux se jkollhom it-tentazzjoni li jgħarrqu s-suq b'ammont eċċessiv ta' stokkijiet eżatt qabel l-irtirar jidħol fis-seħħ.

4. Estensjoni tal-ambitu – Il-merkurju fiċ-ċelluli buttuna

Għalkemm lil hinn mill-ambitu ta' din il-proposta tal-Kummissjoni, ir-reviżjoni tal-eżenzjoni għall-Cd hija opportunità għat-tneħħija ta' eżenzjoni oħra li tidher li m'għadhiex aġġornata maż-żminijiet tal-lum: il-possibbiltà li batteriji ċellula buttuna jkun għad fihom il-merkurju. Ir-rapport ta' BIOIS 2012 ikkummissjonat mill-KE juri l-ħtieġa li jitnaqqas ir-riskju li l-merkurju jiġi rilaxxat fl-ambjent, minħabba li ċelluli buttuna faċilment ma jinġabrux minn skemi ta' ġbir ta' skart separat u dan iżid ir-riskju li jitniġġes l-ambjent.

Peress li l-maġġoranza tal-produtturi taċ-ċelluli buttuna bidlu t-teknoloġija tagħhom, din l-eżenzjoni qed issir obsoleta u s-suq taċ-ċelluli buttuna tal-UE diġà qed jesperjenza bidla lejn ċelluli buttuna li ma għandhomx Hg fihom. Attwalment, ċelluli buttuna li ma għandhomx Hg jirrappreżentaw madwar 39 % tas-suq taċ-ċelluli buttuna fl-UE. Verżjonijiet li ma għandhomx Hg issa huma kummerċjalment disponibbli għall-applikazzjonijiet kollha, u bl-istess parametri ta' prestazzjoni bħal dawk li fihom il-merkurju, kif ġie kkonfermat ukoll mill-maġġoranza tal-industrija¹.

Deċiżjoni bħal din għandha tinkoraġġixxi wkoll pajjiżi li jesportaw ammonti kbar ta' ċelluli buttuna fis-suq tal-UE, bħaċ-Ċina, biex iħaffu l-bidla għall-manifattura ta' ċelluli buttuna li ma għandhomx Hg, li jista' jkollha impatt globali fuq l-użu tal-merkurju f'dan is-settur tal-industrija. Jekk din l-eżenzjoni ma titneħħiex issa, tista' sseħħ bidla biss fir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Batteriji prevista sal-2016 – dan jippermetti li madwar 2.4-3.9 tunnellati ta' Hg fis-sena li jinsabu fil-batteriji ċellula buttuna jkomplu jaħarbu skemi ta' ġbir ta' skart separat bil-possibbiltà kbira li jitniġġes l-ambjent. Diversi stati fl-Istati Uniti tal-Amerika diġà għamlu projbizzjoni fuq l-użu ta' ċelluli buttuna li fihom il-Hg.

Għaldaqstant, bil-għan li jitnaqqas l-impatt ambjentali mill-użu tal-merkurju f'dawn il-prodotti u biex titnaqqas il-kontribuzzjoni tagħhom għall-problema ġenerali tal-merkurju, kif ukoll billi titqies il-vijabbiltà ekonomika, ir-Rapporteur jemmen li t-tqegħid fis-suq ta'

¹ Catherine Galligan, Gregory Morose - An Investigation of Alternatives to Miniature Batteries Containing Mercury (Investigazzjoni dwar l-Alternattivi għall-Batteriji Żgħira li Fihom il-Merkurju), 17 ta' Diċembru 2004, għal The Maine Department of Environmental Protection, Lowell Center for Sustainable Production, University of Massachusetts Lowell

batteriji ċellula buttuna li jkun fihom il-merkurju għandu jiġi pprojbit mill-31 ta' Diċembru 2016.

Bħala konklużjoni, ir-Rapporteur jissuġġerixxi l-estensjoni b'sena oħra tal-eżenzjoni għall-batteriji NiCd, sal-31 ta' Diċembru 2016. Bil-possibbiltà tar-riċiklaġġ 100 % ta' batteriji NiCd miġbura, ir-Rapporteur jissuġġerixxi li r-riskju huwa żgħir u jista' jiġi mmaniġġjat. Estensjoni b'sena oħra tal-eżenzjoni għandha tippermetti kompromess raġonevoli, li jipproteġi kemm l-interessi tal-konsumaturi kif ukoll tan-negozji tul il-katina kollha tal-valur filwaqt li jiġi żgurat il-ħarsien tal-ambjent u s-saħħa tal-bniedem u fl-istess ħin jingħata xi żmien addizzjonali għall-iżvilupp teknoloġiku, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattika, it-tagħlim u l-innovazzjoni fil-qasam.

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET LEGALI DWAR L-UŻU TAL-ATTI DELEGATI

Is-Sur Matthias Groote
President
Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika
u s-Sikurezza tal-Ikel

BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni skont l-Artikolu 37a tar-Regoli ta' Proċedura dwar l-użu tal-atti delegati, fil-kuntest tal-iskrutinju tal-Parlament tal-Emenda tad-Direttiva 2006/66/KE (it-tqegħid fis-suq ta' batteriji u akkumulaturi portabbli li jkun fihom il-kadmju maħsuba għall-użu f'għodda mingħajr fil) (COM(2012)0136 – C7 0087/2012 – 2012/0066(COD))

Għażiż Sur President,

Permezz tal-ittra tat-3 ta' Diċembru 2012, inti saqsejt lill-Kumitat għall-Affarijjet Legali, skont l-Artikolu 37a tar-Regoli ta' Proċedura, jagħti opinjoni dwar id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija proposta li tiddelega setgħat leġislattivi lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 290 TFUE u dwar id-dispożizzjonijiet li jagħtu setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 291 TFUE.

Fid-dawl tal-preparazzjoni tal-abbozz ta' rapport fil-Kumitat ENVI u l-approċċ meħud fil-konfront tal-proposta fi ħdan il-Kunsill, li jissuġġerixxi li d-dispożizzjonijiet li jipprevedu l-adozzjoni tal-atti delegati jiġu sostitwiti b'dispożizzjonijiet li jipprevedu l-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni, inti qed isaqsi lill-Kumitat għall-Affarijjet Legali biex jeżamina l-proposta tal-Kummissjoni, b'attenzjoni partikolari għall-oġġettivi, il-kontenut, il-portata u t-tul tad-delega, kif ukoll għall-kundizzjonijiet li għalihom hija suġġetta.

I - Kuntest

L-għan prinċipali tal-proposta huwa li tiġi emendata d-Direttiva 2006/66/KE (aktar 'il quddiem id-“Direttiva dwar il-Batteriji”) sabiex il-projbizzjoni tagħha tat-tqegħid fis-suq ta' batteriji u akkumulaturi portabbli li jkun fihom il-kadmju f'għodda mingħajr fil tiġi estiża iżda l-proposta tipprevedi wkoll l-allinjament mal-Artikoli 290 u 291 TFUE¹ tad-dispożizzjonijiet fid-Direttiva dwar il-Batteriji li jipprevedu l-proċeduri li jidħlu fl-ambitu tad-Deċiżjoni dwar

¹ Filwaqt li l-Artikolu 290 TFUE huwa ta' applikazzjoni immedjata, ir-regoli u l-prinċipji ġenerali li jirrigwardaw l-Artikolu 291 TFUE huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

il-Komitologija¹ issa mħassra, u li kienu introdotti mid-Direttiva 2008/12/KE².

Il-Kummissjoni proponiet dispożizzjonijiet dwar atti delegati sabiex jissostitwixxu d-dispożizzjonijiet li jipprevedu l-proċedura regolatorja bi skrutinju (RPS) f'ħames każijiet. Hija pproponiet ukoll li waħda mid-dispożizzjonijiet RPS u żewġ dispożizzjonijiet li jipprevedu l-proċedura regolatorja jiġu sostitwiti b'dispożizzjonijiet dwar atti ta' implimentazzjoni.

F'test ta' kompromess tal-Presidenza ppreżentat fil-Kunsill, ġie suġġerit li dispożizzjoni waħda biss li qabel kienet tipprevedi l-RPS għandha tiġi sostitwita b'dispożizzjoni li tipprevedi atti delegati, filwaqt li s-seba' dispożizzjonijiet l-oħra msemmija hawn fuq għandhom jipprevedu atti ta' implimentazzjoni.

II – Sfond għall-atti delegati u atti ta' implimentazzjoni

Il-Grupp ta' Ħidma fuq is-Simplifikazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Futur tal-Ewropa rrakkomanda fir-Rapport Finali tiegħu li l-ġerarkija tal-leġiżlazzjoni Komunitarja għandha tiġi kjarifikata billi jiġu demarkati, sa fejn possibbli, kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu leġiżlattiv u billi tiżdied kategorija ġdida ta' leġiżlazzjoni³:

“Attwalment ma hemmx mekkaniżmu li jippermetti l-leġiżlatur jiddelega l-aspetti jew id-dettalji tekniċi ta' leġiżlazzjoni filwaqt li jżomm il-kontroll fuq tali delega. Fis-sitwazzjoni preżenti, il-leġiżlatur huwa obligat li jew jidħol fl-inqas dettall fid-dispożizzjonijiet li huwa jadotta, jew li jafda f'idejn il-Kummissjoni l-aspetti aktar tekniċi jew dettaljati tal-leġiżlazzjoni, bħal li kieku dawn kienu atti ta' implimentazzjoni suġġeriti għall-kontroll tal-Istati Membri, abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 202 tat-Trattat KE.”

Il-Grupp għalhekk jipproponi li jinħolqu “atti delgati” li jiżviluppaw fid-dettall jew jimmodifikaw ċerti elementi ta' att leġiżlattiv, abbażi ta' xi forma ta' awtorizzazzjoni definita mil-leġiżlatur, u “atti ta' implimentazzjoni”, li jimplimentaw atti leġiżlattivi. Għal dak li jikkonċerna l-leġiżlatur, huwa l-leġiżlatur li għandu jiddetermina jekk huwiex neċessarju li jiġu adottati, u sa liema punt, fil-livell tal-Unjoni atti ta' implimentazzjoni u/jew atti delegati u fejn xieraq il-mekkaniżmu ta' komitoloġija (Artikolu 202 tat-Trattat KE) li għandu jakkompanja l-adozzjoni ta' tali atti. L-atti leġiżlattivi kienu għalhekk definiti mill-Grupp bħala adottati direttament fuq il-bażi tat-Trattat u li fihom l-*elementi essenzjali* u l-*għażliet ta' politiki fundamentali* f'ċertu qasam. Is-setgħat li jridu jiġu delegati jibdedw minn regoli dwar l-elementi tekniċi u dettaljati li jiżviluppaw att leġiżlattiv, sal-emenda susseġwenti ta' ċerti aspetti tal-att leġiżlattiv innifsu Madankollu, il-Grupp ħaseb li, kieku kellu jiddeċiedi li

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23), kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

² Id-Direttiva 2008/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li temenda d-Direttiva 2006/66/KE (ĠU L 76, 19.3.2008, p. 39).

³ Grupp ta' Ħidma IX fuq is-simplifikazzjoni, Rapport Finali tad-29 ta' Novembru 2002, p. 8-12.

joħloq kategorija ġdida ta' atti delegati, ikun possibbli li jiġu simplifikati ċerti proċeduri ta' komitoloġija, iżda rrimarka li kwalunkwe bidla mhux se ssir taħt it-Trattat direttament iżda abbażi ta' leġislazzjoni sekondarja.

Dawn is-suġġerimenti rriżultaw fi proposti għal dispożizzjonijiet fl-Abbozz ta' Trattat li jistabbilixxi l-Konstituzzjoni tal-Ewropa dwar atti delegati u atti ta' implimentazzjoni. Dawn id-dispożizzjonijiet fl-aħħar mill-aħħar baqgħu effettivament mhux emendati fit-Trattat ta' Lisbona: L-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE.

l-Artikolu 290 TFUE jipprevedi li (enfasi miżjuda):

"1. Att leġislattiv jista' jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti mhux leġislattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex ji-supplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-atti leġislattivi.

L-objettivi, il-kontenut, il-kamp ta' applikazzjoni u d-durata tad-delega ta' setgħa għandhom jiġu definiti espressament fl-atti leġislattivi. L-elementi essenzjali ta' qasam għandhom ikunu riservati għall-att leġislattiv u għaldaqstant ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' delega ta' setgħa.

2. L-atti leġislattivi għandhom jistabbilixxu espressament il-kondizzjonijiet li għalihom tkun suġġetta d-delega, dawn il-kondizzjonijiet jistgħu jkunu kif ġej:

a) il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jirtira d-delega;

b) l-att iddelegat jista' jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fiż-żmien stabbilit mill-att leġislattiv.

Għall-finijiet ta' punti a) u b), il-Parlament Ewropew għandu jaġixxi b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu, u l-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata.

3. Il-kelma "delega" għandha tiddaħħal fl-intestatura tal-atti delegati."

l-Artikolu 291 TFUE jipprevedi li (enfasi miżjuda):

"1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri kollha tad-dritt nazzjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti.

2. Meta jkun hemm bżonn ta' kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti, dawk l-atti jistgħu jaġtu l-kompetenzi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni jew, fil-każijiet speċifiċi ġustifikati b'mod xieraq u

fil-każijiet previsti fl-Artikoli 24 u 26 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, lill-Kunsill.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta' regolament skont il-proċedura legiſlattiva ordinarja, għandhom jistabbilixxu minn qabel ir-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-miżuri ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni.

4. Il-kelma "implimentazzjoni" għandha tiddaħħal fl-atti tal-implimentazzjoni."

Għandu jiġi nnotat li, għall-kuntrarju tal-approċċ meħud fl-Artikolu 291 TFUE dwar il-miżuri ta' implimentazzjoni, l-Artikolu 290 TFUE ma fihx bażi legali għall-adozzjoni ta' att orizzontali – ir-Regolament dwar l-Atti ta' Implimentazzjoni ċċitat hawn fuq għall-Artikolu 291 TFUE – li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali applikabbli għad-delegati ta' setgħa. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom għalhekk ikunu stipulati f'kull att bażiku.

Id-Dikjarazzjoni Nru 39 għat-TFUE dwar is-servizzi finanzjarji tistipula dan li ġej:

“Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

Il-Konferenza tinnota l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tibqa' tikkonsulta l-esperti maħtura mill-Istati Membri fit-tnejn ta' [abbozzi ta'] atti delegati fil-qasam tas-servizz finanzjarju skont il-prattika stabbilita tagħha. "

Fid-dawl tal-implimentazzjoni Prattika tal-Artikolu 290 TFUE, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali fit-23 ta' Marzu 2010 adotta rapport ta' inizjattiva ta' natura mhux leġiżlattiva dwar is-setgħa tad-delegazzjoni leġiżlattiva u r-rapporteur kien József Szájer¹. Hawn taħt qed jittieħdu ċerti estratti min-nota spjegattiva tar-rapport, li jittrattaw il-kuntest relatat mad-demarkazzjoni bejn l-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni:

“Il-kontroll tas-setgħa ddelegata mil-Leġiżlatur għandu skont il-loġika jibqa' prerogattiva tal-Leġiżlatur. Barra minn hekk, kwalunkwe forma oħra ta' kontroll minn ħaddieħor għandha per se tkun kontra l-Artikolu 290 tat-TFUE. B'mod partikolari, l-Istati Membri, u kumitati a fortiori magħmula minn esperti mill-Istati Membri, m'għandhom l-ebda rwol f'dan il-qasam.”

[...]

¹ Rapport dwar is-setgħa tad-delegazzjoni legiżlattiva (A7-0110/2010).

Hu evidenti li r-responsabbiltà primarja għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tinsab f'idejn l-Istati Membri. Dan jorhoġ ċar fl-Artikolu 4(3) it-tieni subparagrafu tat-TUE (ex Artikolu 10 KE - "L-Istati Membri għandhom jieħdu kull miżura (...) xierqa (...) sabiex jassiguraw li l-obbligi li jorhoġu mit-Trattati (...) jitwettqu") u fl-Artikolu 291 TFUE stess ("L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri kollha tad-dritt nazżjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti"). Dan kien ukoll il-każ qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona.

Madankollu, fejn il-leġiżlatur iqis li huma meħtieġa kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' atti li jorbtu legalment tal-Unjoni, liġi sekondarja li torbot legalment (kemm jekk att leġiżlattiv jew le) għandha tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta miżuri implimentattivi. L-Artikolu 291 tat-TFUE, li jsegwi direttament mill-mekkaniżmi tal-"komitoloġija" bbażati fuq l-Artikolu 202 KE, jipprovi bażi għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni, soġġett għal ċerti kontrolli mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni¹. Minħabba r-responsabbiltà primarja tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni, huwa naturali li l-Artikolu 291 jsemmihom u jeskludi l-Leġiżlatur. M'hemm l-ebda differenza kunċettwali fundamentali bejn is-sistema preċedenti bbażata fuq l-Artikolu 202 KE u s-sistema futura bbażata fuq l-Artikolu 291 tat-TFUE.

Huwa evidenti li huwa l-leġiżlatur li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' setgħat ta' implimentazzjoni bħal dawn. Qafas legali ġdid għall-atti ta' implimentazzjoni hu urġenti minħabba li d-deċiżjoni attwali tal-"komitoloġija" hija parzjalment inkompatibbli mal-reġim il-ġdid stabbilit skont l-Artikolu 291 tat-TFUE."

Ir-riżoluzzjoni li ġiet finalment adottata fis-seduta plenarja fil-5 ta' Mejju 2010 tinkludi t-tliet paragrafi finali li ġejjin²:

"18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippreżenta bħala kwistjoni ta' prijorità l-proposti leġiżlattivi meħtieġa biex l-acquis jiġi adattat għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE; jikkunsidra, fir-rigward tal-Artikolu 290 tat-TFUE, li dan l-allinjament ma għandux ikun limitat għal daww il-miżuri li diġà ġew indirizzati skont il-proċedura regolatorja

¹ Ir-regoli u l-prinċipji ġenerali għall-kontroll mill-Istati Membri għandhom madankollu jiġu adottati fil-forma ta' regolamenti mill-Leġiżlatur li jaġixxi skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja – l-Artikolu 291(3) tat-TFUE.

² Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Mejju 2010 dwar is-setgħa ta' delegazzjoni leġiżlattiva, P7_TA(2010)0127.

bi skrutinju, iżda għandu jkopri l-miżuri xierqa kollha ta' ambitu ġenerali indipendentement mill-proċedura tat-teħid tad-deċiżjonijiet jew tal-komitoloġija applikabbli għalihom qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona;

19. *Jinsisti li l-ewwel prijorità għandha tkun li jiġi adattat l-acquis fl-oqsma politiċi li qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona ma kinux suġġetti għall-proċedura ta' kodeċiżjoni; jitlob li jiġu ttrattati skont il-każ b'tali mod biex jiġi żgurat, b'mod partikolari, li l-miżuri xierqa kollha ta' "ambitu ġenerali li qabel kienu adottati skont l-Artikoli 4 u 5 tad-Deċiżjoni [dwar il-Komitoloġija] jkunu definiti bħala atti ddelegati;*
20. *Iqis li sabiex jisseddqu bis-siġħ il-prerogattivi tal-Leġiżlatur, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-użu relattiv tal-Artikoli 290 u 291 TFUE u lill-konsegwenzi prattiċi tal-applikazzjoni ta' wieheh mill-artikoli jew l-ieħor, sew waqt l-allinjament imsemmi aktar 'il fuq u sew waqt li jkunu qed jiġu ttrattati proposti skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja; jinsisti li l-koleġiżlaturi għandhom is-setgħa li jiddeċiedu li l-kwisjonijiet li jkunu ġew adottati qabel skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju (RPS) jistgħu jiġu adottati skont l-Artikolu 290 TFUE jew skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja; "*

Għall-applikazzjoni prattika tal-Artikolu 290 TFUE, Fehim Komuni¹ ġie miftiehem f'April 2011 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni. Dan jistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi u l-kjarifiki u l-preferenzi li hemm qbil fuqhom applikabbli għad-delegati ta' setgħa leġiżlattiva. Dan jipprovdi gwida u mudell ta' formulazzjonijiet għad-definizzjoni tal-obiettivi, il-kontenut, l-ambitu u t-tul ta' żmien tal-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni, iżda ma jittrattax id-demarkazzjoni bejn l-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni.

Barra minn hekk, ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew ġew emendati biex jinkludu l-Artikolu 37a li jipprevedi dan li ġej:

“Delega tas-setgħat leġiżlattivi

I Meta tiġi eżaminata proposta għal att leġiżlattiv li jiddelega setgħat lill-Kummissjoni kif previst mill-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament għandu jagħti attenzjoni partikolari għall-obiettivi, il-kontenut, l-ambitu u t-tul ta' żmien tad-delega, kif ukoll għall-kundizzjonijiet li għalihom tkun soġġetta.

¹ Fehim Komuni dwar l-Atti Delegati, approvat fit-3 ta' Marzu 2011 mill-Konferenza tal-Prezidenti.

2. Il-kumitat responsabbli għas-suġġett jista', f'kull ħin, jitlob l-opinjoni tal-kumitat responsabbli għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni.

3. Il-kumitat responsabbli għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni jista' wkoll, bl-inizjattiva tiegħu, jittratta kwistjonijiet dwar id-delega tas-setgħat leġislattivi. F'każijiet bħal dawn, għandu jgħarraf kif jistħoqq lill-kumitat responsabbli mis-suġġett. "

III – Il-pożizzjoni tal-Parlament fuq id-delega tas-setgħa leġislattiva

Id-demarkazzjoni bejn l-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni kienet is-suġġett ta' ċertu kontroversja f'għadd ta' proċeduri leġislattivi wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Il-Kunsill insista fuq l-użu ta' atti ta' implimentazzjoni sabiex jinfluwenza aktar il-fażi preparatorja ta' tali atti permezz tal-esperti mill-Istati Membri li jagħmlu parti mill-kumitati rilevanti previsti fir-Regolament dwar l-Atti ta' Implimentazzjoni. L-intervent tal-esperti nazzjonali mhumiex formalment previst fit-tiegħja tal-atti delegati. Barra minn hekk, ir-rwol, l-influwenza u l-prerogattivi tal-Parlament huma akbar ferm għal dak li jikkonċerna l-atti delegati, peress li jiddisponi minn strumenti partikolarment b'saħħithom bħall-possibbiltà li joġġezzjona għal att delegat propost u li jirrevoka delega; Għal dak li jikkonċerna l-atti ta' implimentazzjoni, is-setgħat tal-Parlament huma limitati għal dritt ta' skrutinju, u l-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni propost anki fil-każ ta' oġġezzjoni mill-Parlament.

L-għażla tal-istrument korrett għandha konsegwenzi sinifikanti mhux biss għall-possibbiltà tal-Parlament li jeżerċita d-dritt tiegħu ta' kontroll jew skrutinju, iżda wkoll għall-validità tal-att legali stess. Il-President tal-Kummissjoni, f'ittra lill-President tal-Parlament, enfasizza li d-delinjazzjoni bejn l-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati mhijiex kwistjoni ta' għażla politika, u li l-punt ta' tluq ta' kwalunkwe analiżi għalhekk għandu jikkonsisti fil-kriterji ġuridiċi stabbiliti fl-Artikoli 290 u 291 TFUE¹. Il-Kummissjoni għalhekk talbet kjarifika mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kwistjoni tad-delinjazzjoni f'każ fejn hija tikkunsidra li ġie magħżul it-tip ta' att żbaljat².

Sabiex tiġi stabbilita pożizzjoni politika orizzontali fuq il-kwistjoni tal-atti delegati ħalli jiġu protetti l-prerogattivi tal-Parlament u jiġu evitati aktar ir-riskju ta' azzjonijiet legali u r-riskju ta' annullament ta' atti leġislattivi b'għażla żbaljata ta' atti delegati jew atti ta' implimentazzjoni, il-Konferenza tal-Prezidenti approvat fl-2012 l-approċċ f'erba' fażijiet li

¹ Ittra tat-3 ta' frar 2012 mill-President Barroso għall-President Schulz.

² Fid-19 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni ressqet azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra l-Parlament u l-Kunsill fejn talbet li jiġi annullat artikolu fir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali li jipprevedi l-adozzjoni ta' miżura li tistabilixxi t-tariffi li għandhom jitħallsu lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi b'att ta' implimentazzjoni pjutost milli b'att delegat. Il-Kummissjoni targumenta li peress li l-artikolu inkwistjoni huwa intiż sabiex jiġu ssupplimentati ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġislattiv, u fid-dawl tan-natura tad-delega u l-iskop tal-att li għandu jiġi adottat fl-ambitu ta' dawn is-setgħat, tali att għandu għalhekk jiġi adottat skont il-proċeduri mniżżla fl-Artikolu 290 TFUE u mhux il-proċeduri mniżżla fl-Artikolu 291 TFUE. Kawża C-427/12, Il-Kummissjoni vs Il-Parlament Ewropew u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

għej bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-Parlament jkun jista' jeżerċita bis-sħiħ is-setgħat mogħtija lilu mit-Trattat ta' Lisbona¹;

1. Għażla tal-istrument korrett
2. Tisħiħ tar-rwol tal-Istati Membri fil-fażi preparatorja tal-atti delegati;
3. Inklużjoni tal-att bażiku (kodeċizzjoni);
4. Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament mingħajr qbil fl-ewwel qari;

Bħala l-aħħar pass, meta l-atti delegati ma jkunux jistgħu jiġu inklużi f'fajl partikolari, għalkemm kien għe stabbilit li huma għandhom jiġu inklużi, dan l-approċċ jipprevedi r-rifjut li jiġi ppreżentat il-fajl fis-seduta plenarja, u huma meħtieġa negozjati orizzontali ulterjuri mal-Kunsill.

IV - Analiżi

Fin-nuqqas ta' kwalunkwe każistika mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kwistjoni tad-demarkazzjoni bejn atti delegati u atti ta' implimentazzjoni, il-punt ta' tluq għal kwalunkwe analiżi għandu jkun it-test tat-Trattat innifsu. L-Artikolu 290 TFUE jippermetti biss delega ta setgħa leġislattiva għall-adozzjoni ta' "*atti mhux leġislattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġislattiv*" (enfasi miżjuda).

Sabiex jiġi eżaminat jekk dawk il-kriterji humiex sodisfatti hawnhekk, huwa neċessarju li tiġi eżaminata n-natura tas-setgħa inkwistjoni fuq bażi ta' każ b'każ.

Artikolu 1(2) dwar arranġamenti tranżitorji dwar ir-rati minimi ta' kollezzjoni tar-rimi

Din id-dispożizzjoni tirreferi għall-Artikolu 10(4) l-ewwel subparagrafu tad-Direttiva dwar il-Batteriji, li abbażi tad-Direttiva 2008/12/KE kien jipprevedi l-arranġamenti tranżitorji dwar ir-rati minimi ta' kollezzjoni ta' rimi ta' batteriji u akkumulaturi li kellhom jiġu adottati abbażi tal-proċedura regolatorja fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija.

Skont l-Artikolu 13(1)(c) tar-Regolament dwar l-Atti ta' Implimentazzjoni, meta att bażiku adottat qabel id-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament jirreferi għall-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija, tapplika l-proċedura ta' eżami tar-Regolament.

Il-bidla proposta għall-atti ta' implimentazzjoni f'dan il-każ hija għalhekk korretta.

Artikolu 1(2) dwar metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-bejgħ annwali

Din id-dispożizzjoni tirreferi għall-Artikolu 10(4) it-tieni subparagrafu tad-Direttiva dwar il-Batteriji, li abbażi tad-Direttiva 2008/12/KE kien jipprevedi l-istabbiliment, bl-użu tal-RPS,

¹ Linji gwida politiċi dwar approċċ orizzontali fi ħdan il-Parlament fuq il-kwistjoni ta' atti delegati (Ittra tad-9 ta' April 2012 mill-President tas-CCC lill-President tal-Parlament).

ta' metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-bejgħ annwali ta' batteriji u akkumulaturi portabbli lil utenti aħħarin, sabiex jiġu monitorjati r-rati ta' kollezzjoni tar-rimi. Kien wkoll previst li dik il-miżura kienet “*imfassla sabiex temenda elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi tissupplimentaha*”.

Din id-dispożizzjoni hija ta' applikazzjoni ġenerali, peress li l-kalkolu tal-bejgħ “*japplika oġġettivament għal sitwazzjonijiet determinati*”¹. Il-fatt li fil-kliem “*metodoloġija għall-kalkolu*” jinsab l-aġġettiv “*komuni*” tagħti appoġġ ulterjuri għal din il-konklużjoni.

Id-dispożizzjoni oriġinali kienet tipprevedi wkoll li l-miżura li għandha tittieħed kienet intiża sabiex temenda elementi mhux essenzjali billi tissupplimenta d-Direttiva. Din id-dispożizzjoni għalhekk tista' tiġi allinjata biss billi tiġi prevista l-adozzjoni ta' atti delegati.

Il-bidla proposta għall-atti ta' implimentazzjoni f'dan il-każ hija għalhekk **żbaljata**, u d-dispożizzjoni għandha tkun is-suġġett ta' delega taħt l-Artikolu 290 TFUE.

Artikolu 1(3) dwar l-adattament jew is-supplimentar tal-Anness III sabiex jitqies il-progress tekniku jew xjentifiku

Din id-dispożizzjoni tirreferi għall-Artikolu 12(6) tad-Direttiva dwar il-Batteriji, li abbażi tad-Direttiva 2008/12/KE kien jipprevedi l-Anness III tad-Direttiva dwar il-Batteriji (dwar ir-rekwiżiti dettaljati fil-qasam tat-trattament u r-riċiklaġġ) li kellu jiġi adattat jew issupplimentat b'mod konformi mal-RPS sabiex jittieħed kont tal-progress teniku jew xjentifiku. Kien ukoll previst li dawk il-miżuri kienu “*mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, inter alia billi jissupplimentawha*”.

Din id-dispożizzjoni hija ta' applikazzjoni ġenerali, peress li l-progress teniku u xjentifiku għal dak li jikkonċerna r-rekwiżiti fil-qasam tat-trattament u r-riċiklaġġ għall-batteriji u l-akkumulaturi huma miżuri indirizzati f'termini astratti għal klassijiet ta' persuni mhux identifikati u japplikaw oġġettivament għal sitwazzjonijiet determinati².

Id-dispożizzjoni oriġinali kienet tipprevedi wkoll li l-miżuri li kellhom jittieħdu kienu intiżi sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali billi jissupplimentaw id-Direttiva. Din id-dispożizzjoni għalhekk tista' tiġi allinjata biss billi tiġi prevista l-adozzjoni ta' atti delegati.

Il-bidla proposta għall-atti delegati f'dan il-każ hija għalhekk korretta.

Artikolu 1(5) dwar regoli dettaljati li jissupplimentaw il-kriterji għall-evalwazzjoni ta' kundizzjonijiet ekwivalenti barra mill-Unjoni

Din id-dispożizzjoni tirreferi għall-Artikolu 15(3) tad-Direttiva dwar il-Batteriji, li abbażi tad-Direttiva 2008/12/KE kien jipprevedi regoli dettaljati li jissupplimentaw il-kriterji għall-evalwazzjoni ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ barra mill-

¹ Ara l-kawża C-263/02, *Il-Kummissjoni vs Jégo-Quéré* [2004] Ġabra I-3425, punt 43.

² Ibid.

Unjoni, fil-kuntest tal-esportazzjonijiet, li kellhom jiġu stabbiliti taħt l-RPS. Kien ukoll previst li dawk il-miżuri kienu “[mfassla] sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta’ din id-Direttiva billi jissupplimentawha”.

Din id-dispożizzjoni hija ta’ applikazzjoni ġenerali, peress li r-regoli għall-evalwazzjoni ta’ kundizzjonijiet ekwivalenti ta’ operazzjonijiet ta’ riċiklaġġ realatati ma’ batteriji huma miżuri indirizzati f’termini astratti għal klassijiet ta’ persuni mhux identifikati u japplikaw oġġettivament għal sitwazzjonijiet determinati.

Id-dispożizzjoni oriġinali kienet tipprevedi wkoll li l-miżuri li kellhom jittieħdu kienu intiżi sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali billi jissupplimentaw id-Direttiva. Din id-dispożizzjoni għalhekk tista’ tiġi allinjata biss billi tiġi prevista l-adozzjoni ta’ atti delegati.

Għandu jiġi nnotat barra minn hekk li l-Parlament fil-proċeduri attwali dwar id-Direttiva dwar il-Kontabbiltà u r-Regolament u d-Direttiva dwar il-Protezzjoni ta’ Data ħa l-pożizzjoni li d-determinazzjoni tal-ekwivalenza f’pajjiżi terzi tista’ tkun biss is-suġġett ta’ delega tas-setgħat leġiżlattivi u ma għandhiex x’taqsam mal-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni.

Il-bidla proposta għall-atti delegati f’dan il-każ hija għalhekk korretta.

Artikolu 1(6) dwar ir-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni tal-produtturi

Din id-dispożizzjoni tirreferi għall-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar il-Batteriji, li abbażi tad-Direttiva 2008/12/KE kien jipprevedi r-rekwiżiti proċedurali għar-reġistrazzjoni tal-produtturi li kellhom jiġu adottati taħt l-RPS. Kien ukoll previst li dawk il-miżuri kienu “*imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta’ din id-Direttiva, billi jissupplimentawha*”.

Din id-dispożizzjoni hija ta’ applikazzjoni ġenerali, peress li hija indirizzata f’termini astratti għal klassijiet ta’ persuni mhux identifikati u tapplika oġġettivament għal sitwazzjonijiet determinati.

Id-dispożizzjoni oriġinali kienet tipprevedi wkoll li r-rekwiżiti inkwistjoni kienu intiżi sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali billi jissupplimentaw id-Direttiva. Din id-dispożizzjoni għalhekk tista’ tiġi allinjata biss billi tiġi prevista l-adozzjoni ta’ atti delegati.

Il-bidla proposta għall-atti delegati f’dan il-każ hija għalhekk korretta.

Artikolu 1(8)(a) dwar regoli dettaljati li jissupplimentaw it-tikkettar tal-kapaċità

Din id-dispożizzjoni tirreferi għall-Artikolu 21(2) tad-Direttiva dwar il-Batteriji, li abbażi tad-Direttiva 2008/12/KE kien jipprevedi regoli dettaljati li jiżguraw li t-tikketti tal-kapaċità fuq il-batteriji u l-akkumulaturi jkunu viżibbli, leġibbli u li ma jiħassrux, li kellhom jiġu adottati taħt l-RPS. Kien ukoll previst li dawk il-miżuri kienu “[mfassla] biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta’ din id-Direttiva billi jissupplimentawha”.

Din id-dispożizzjoni hija ta’ applikazzjoni ġenerali, peress li hija indirizzata f’termini astratti

għal klassijiet ta' persuni mhux identifikati u tapplika oġġettivament għal sitwazzjonijiet determinati.

Id-dispożizzjoni oriġinali kienet tipprevedi wkoll li l-miżuri li kellhom jittieħdu kienu intiżi sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali billi jissupplimentaw id-Direttiva. Din id-dispożizzjoni għalhekk tista' tiġi allinjata biss billi tiġi prevista l-adozzjoni ta' atti delegati.

Il-bidla proposta għall-atti delegati f'dan il-każ hija għalhekk korretta.

Artikolu 1(8)(b) dwar eżenzjonijiet mir-rekwiżiti tat-tikkettjar

Din id-dispożizzjoni tirreferi għall-Artikolu 21(7) tad-Direttiva dwar il-Batteriji, li abbażi tad-Direttiva 2008/12/KE kien jipprevedi eżenzjonijiet mir-rekwiżiti tat-tikkettjar fl-Artikolu 21 li kellhom jiġu adottati taħt l-RPS. Kien ukoll previst li dawk il-miżuri kienu “[mfassla] biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha”.

Din id-dispożizzjoni hija ta' applikazzjoni ġenerali, peress li hija indirizzata f'termini astratti għal klassijiet ta' persuni mhux identifikati u tapplika oġġettivament għal sitwazzjonijiet determinati.

Id-dispożizzjoni oriġinali kienet tipprevedi wkoll li l-miżuri li kellhom jittieħdu kienu intiżi sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali billi jissupplimentaw id-Direttiva. Din id-dispożizzjoni għalhekk tista' tiġi allinjata biss billi tiġi prevista l-adozzjoni ta' atti delegati.

Il-bidla proposta għall-atti delegati f'dan il-każ hija għalhekk korretta.

Artikolu 1(9) dwar kwestjonarju lill-Istati Membri għal skopijiet ta' rapportar

Din id-dispożizzjoni tirreferi għall-Artikolu 22(2) tad-Direttiva dwar il-Batteriji, li kien jipprevedi kwestjonarju jew skema li kellhom jiġu stabbiliti taħt il-proċedura regolatorja tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija, li kellhom iservu bħala bażi għar-rapporti dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva li l-Istati Membri huma meħtieġa jippreżentaw kull tliet snin.

Skont l-Artikolu 13(1)(c) tar-Regolament dwar l-Atti ta' Implimentazzjoni, meta att bażiku adottat qabel id-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament jirreferi għall-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija, tapplika l-proċedura ta' eżami tar-Regolament.

Il-bidla proposta għall-atti ta' implimentazzjoni f'dan il-każ hija għalhekk korretta.

L-oġġettivi, il-kontenut, l-ambitu u t-tul taż-żmien tad-delegi proposti

Għal dak li jikkonċerna l-oġġettiv, il-kontenut u l-ambitu tad-delegi proposti, l-ebda minnhom ma nbidel meta mqabbla mas-sitwazzjoni preċedenti li fiha d-Direttiva dwar il-Batteriji kienet tagħmel riferiment għad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija, meta jitqies il-fatt li l-bidliet

proposti huma intiżi sabiex jallinjaw id-Direttiva mal-Artikoli 290-291 TFUE. Il-bidliet proposti huma għalhekk proċedurali aktar milli sostantivi u ma jaffettwawx l-oġġettiv, il-kontenut u l-iskop.

L-emenda 12 fl-abbozz ta' rapport tal-Kumitat ENVI hija intiża sabiex tbiddel l-Artikolu 1(2) tal-proposta, dwar metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-bejgħ annwali, biex jipprevedi atti delegati pjutost milli atti ta' implimentazzjoni. Din hija bidla proċedurali u ma taffettwax l-oġġettiv, il-kontenut u l-ambitu tad-delega proposta meta mqabbla mas-sitwazzjoni preċedenti ta' komitoloġija.

Għal dak li jikkonċerna t-tul taż-żmien tad-delegi proposti, il-proposta tal-Kummissjoni tintroduċi l-Artikolu 23a bit-titolu "Eżerċitar tad-delega" li huwa konformi mal-mudell "artikolu a" u "għażla 1" fil-Fehim Komuni. Dan jipprevedi tul mhux determinat tad-delega u perjodu 2+2 xhur għal oġġezzjoni mill-Parlament jew il-Kunsill.

L-emenda 14 fl-abbozz ta' rapport tal-Kumitat ENVI hija intiża sabiex tbiddel "għażla 1" għall-"għażla 2" tal-Fehim Komuni u ttipprevedi perjodi ta' delega ta' 5 snin u l-Kummissjoni hija meħtieġa tirraporta dwar id-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin, perjodu li jkun estiż b' mod taċitu sakemm il-Parlament jew il-Kunsill ma jopponux tali estenzjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Din l-emenda proposta tidħol fl-ambitu tal-prerogattivi tal-Leġiżlatur u għandha l-valur miżjud li ttipprevedi kontroll regolari tad-delegi.

It-test ta' kompromess tal-Kunsill

Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Presidenza Ċiprijotta ppreżentat test ta' kompromess fuq il-proposta¹. Dan it-test iżomm l-atti delegati għall-Artikolu 1(8)(b), dwar eżenzjonijiet mir-rekwiżiti tat-tikkettjar, iżda jipprevedi atti ta' implimentazzjoni fid-dispożizzjonijiet rilevanti kollha diskussi hawn fuq.

V- Il-Konklużjoni u r-rakkomandazzjoni

Fil-laqgħa tiegħu tal-21 ta' Frar 2013, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali adotta b'mod unanimu l-opinjoni li ġejja²:

Fid-dawl tal-argumentazzjoni hawn fuq, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali huwa tal-opinjoni li bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 1(2) tal-proposta, li jikkonċerna metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-bejgħ annwali, u li jeħtieġ li jipprevedi atti delegati aktar milli atti ta' implimentazzjoni, il-proposta tal-Kummissjoni hija korretta fl-allinjament tad-dispożizzjonijiet ta' komitoloġija

¹ Dokument tal-Kunsill Nru 13763/12

² Dawn kienu preżenti: Evelyn Regner (Aġent President), Raffaele Baldassarre (Viċi-President), Françoise Castex (Viċi-President), Francesco Enrico Speroni (rapporteur), Luigi Berlinguer, Piotr Borys, Marielle Gallo, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Eva Lichtenberger, Antonio López-Istúriz White, Bernhard Rapkay, József Szájer, Alexandra Thein, Rainer Wieland, Tadeusz Zwiefka.

fid-Direttiva dwar il-Batteriji mal-Artikoli 290 u 291 TFUE. Il-Leġiżlatur huwa liberu li jagħżel “għażla 2” tal-Fehim Komuni għal dak li jikkonċerna t-tul taż-żmien tad-delega.

Fid-dawl tal-gwida politika approvata mill-Konferenza tal-Prezidenti, u peress li l-kriterji tal-Artikolu 290 TFUE huma ċarament sodisfatti għall-metodoloġija komuni fl-Artikolu 1(2) tal-proposta, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel għandu jinsisti fuq atti delegati għal din id-dispożizzjoni, u għandu jappoġġa l-allinjament propost mill-Kummissjoni għad-dispożizzjonijiet rilevanti l-oħra. Jekk il-Kunsill jibqa’ jsostni t-test ta’ kompromess tiegħu u l-pożizzjoni li atti ta’ implimentazzjoni għandhom jintużaw b’mod aktar estensiv, il-Kumitat għandu jinforma l-Kunsill li l-fajl mhux se jiġi ppreżentat fis-seduta plenarja bħala tali, u jekk il-Kunsill jibqa’ jippersisti, il-Kumitat għandu jirrakkomanda l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament mingħajr qbil fl-ewwel qari.

Dejjem tiegħek,

Klaus-Heiner Lehne

PROĊEDURA

Titolu	Emenda tad-Direttiva 2006/66/KE (it-tqegħid fis-suq ta' batteriji u akkumulaturi portabbli li jkun fihom il-kadmju maħsuba għall-użu f'għodda mingħajr fil)		
Referenzi	COM(2012)0136 – C7-0087/2012 – 2012/0066(COD)		
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	26.3.2012		
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 18.4.2012		
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 18.4.2012	IMCO 13.12.2012	JURI 18.4.2012
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċizzjoni	ITRE 23.4.2012	IMCO 25.4.2012	JURI 25.4.2012
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Vladko Todorov Panayotov 25.5.2012		
Eżami fil-kumitat	28.11.2012	19.2.2013	
Data tal-adozzjoni	20.3.2013		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: –: 0:	48 0 2	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Kriton Arsenis, Sophie Auconie, Pilar Ayuso, Paolo Bartolozzi, Sergio Berlato, Lajos Bokros, Milan Cabrnoch, Yves Cochet, Chris Davies, Esther de Lange, Anne Delvaux, Bas Eickhout, Edite Estrela, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Karin Kadenbach, Eija-Riitta Korhola, Jo Leinen, Corinne Lepage, Peter Liese, Zofija Mazej Kukovič, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Miroslav Ouzký, Vladko Todorov Panayotov, Antonia Parvanova, Andrés Perelló Rodríguez, Mario Pirillo, Pavel Poc, Anna Rosbach, Oreste Rossi, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Salvatore Tatarella, Thomas Ulmer, Glenis Willmott, Sabine Wils		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Minodora Cliveti, Julie Girling, Philippe Juvin, Jiří Maštálka, James Nicholson, Britta Reimers, Michèle Rivasi, Rebecca Taylor, Vladimir Urutchev, Kathleen Van Brempt		
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Ioan Enciu		
Data tat-tressiq	28.3.2013		